MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## MAGISTRAT DR. MICHAEL MALLIA

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2004

Rikors Numru. 764/1997/1

Rikors Numru: 764/97

Joseph Zammit
vs
Il-Gvern ta' Malta rapprezentat mill-Onorevoli Prim Ministru

Illum 11 ta' Novembru 2004

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors pprezentat mir-rikorrent fil-31 ta' Ottubru 1997 fejn wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 ir-rikorrent sofra ingustizzja konsistenti filli gie mcahhad hatra li huwa nghata qabel Mejju 1987, u konsegwentement sofra pregudizzju.

Illi meta r-rikorrent kien gia Kap ta' Dipartiment fis-Settur Pubbliku (Skala 4), il-Prim Ministru ta' dak iz-zmien (a) fl-1

ta’ Ottubru 1986 hatru Segretarju tad-Djar, u (b) fit-23 ta’ Jannar 1987 hatru ukoll Chairman tal-Awtorita` tad-Djar biex ikun Segretarju tad-Djar u Chairman ta’ l-Awtorita` f’kariga fi Skala 2 fis-servizz pubbliku, kif jidher mid-dokumenti annessi, Dok.A, B u C.

Illi wara li r-rikorrent wettaq dak li kien mitlub minnu mill-Prim Ministru ta’ dak iz-zmien, meta nbidel il-Gvern f’Mejju 1987, tnehha mill-kariga li kellu bla ma nghata ebda kariga ohra analoga, bil-konsegwenza li tilef l-istatus, is-salarju (ghax il-Gvern irritjena li r-rikorrent kellu jerga’ jmur lura fi Skala 4), u dan bi pregudizzju ghad-drittijiet tar-rikorrent ghal fini tal-pensjoni?

Illi il-Gvern baqa’ wkoll icahhad lir-rikorrent minn dan il-grad fi Skala 2, allavolja anki kif jidher mill-Staff List tal-1 ta’ Lulju 1994 (Dok. D) il-gvern appunta f’dik l-iskala ufficjali pubblici ohra li kienu hafna junior ghar-rikorrent. Hemm diversi kazi ohra li graw fil-perjodu imsemmi ta’ ufficjali pubblici aktar junior ghar-rikorrent li gew appuntati fl-istess Skala izda li ma jidhrux fil-lista annessa ghaliex spiccaw mill-impieg mal-Gvern.

Illi f’dan kollu r-rikorrent ircieva trattament ingust u diskriminatorju.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab li t-Tribunal jinvestiga l-ilment skond l-Att VIII tal-1997, u jaghti rimedju billi:

a) jiddikjara li r-rikorrent ghandu jkun konfermat fl-iskala 2 tas-Servizz Civili sa mit-23 ta’ Jannar 1987, bil-kundizzjonijiet kollha ta’ Seniority u pensjoni li jmorru mal-istess Skala;

b) jordna li r-rikorrent ghandu dritt li jibqa’ fis-servizz pubbliku anki wara l-eta’ tal-irtirar u dan ghal anqas ghal disa’ snin ohra; u

c) jordna li r-rikorrent jinghata kumpens ta’ Lm5000 biex jaghmel tajjeb ghal parti mit-telf finanzjarju soffert matul id-disa’ snin imsemmija.

Ra l-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta ta’ l-intimat illi wiegeb:

1. Illi r-rikorrent ma ghandu ebda dritt li jigi kkonfermat fi Skala Salarjali 2 stante li l-hatra tieghu ta’ Chairman ta’ l-Awtorita` tad-Djar ma kinitx regolata mill-provvedimenti kostituzzjonali dwar hatriet ta’ Segretarji Permanenti u kapijiet ta’ dipartiment, izda kienet regolata mill-Att dwar l-Awtorita` tad-Djar, Kap 261 li taghti lill-Prim Ministru s-setgha li jahtar persuna ta’ fiducja f’din il-kariga.

2. Illi c-Chairman precedenti ma kienx membru tas-Servizz Pubbliku, u l-fatt li dan kien jircievi remunerazzjoni ekwivalenti ghal Skala Salarjali 2, kien xi haga accidentali u ma kienx jaghtih id-dritt li jinghata post fl-istess skala, jew li jibqa’ jgawdi l-istess remunerazzjoni, meta l-hatra tieghu ta’ Chairman tintemm.

3. Illi meta r-rikorrent nhatar Chairman ta’ l-Awtorita` tad-Djar hu kien jokkupa l-kariga ta’ Housing Secretary li kien ekwivalenti ghal grad ta’ Assistant Head (Skala Salarjali 10). Illi billi li hu gia kellu substantive post ta’ Head 1 (Skala Salarjali 7), mal-hatra tieghu bhala Chairman kien gie deciz li hu jinghata allowance ta’ Lm612 sena, liema allowance kien intitolat ghaliha sakemm jibqa’ jaqdi l-funzjonijiet ta’ Chairman.

4. Illi l-hatra tar-rikorrent bhala Chairman ta’ l-Awtorita` tad-Djar kienet saret mill-Prim Ministru skond id-disposizzjonijiet ta’ l-Artikoli 5 u 6 ta’ l-Att Nru XV ta’ l-1976 dwar l-Awtorita` tad-Djar. Illi din il-hatra, kif ukoll dik tal-membri l-ohra ta’ l-Awtorita`, kienet saret ghal perjodu ta’ sena b’sehh mit-23 ta’ Jannar 1987.

5. Illi r-rikorrent u l-membri l-ohra ta’ l-Awtorita` baghtu l-ittra tar-rizenja taghhom fit-12 ta’ Mejju 1987.

6. Illi l-hatriet kollha ta’ Segretarju Permanenti u ta’ Kap ta’ Dipartiment fi Skala 2 isiru fit-termini ta’ l-Art.92 tal-

Kostituzzjoni ta' Malta, liema artiklu ma jipprovdix li tali hatriet ghandhom inghataw skond l-anzjanita`. Illi ghalkemm l-anzjanita` fost l-Ufficjali Pubblici tinghata l-kunsiderazzjonijiet li jixirqilha, mhix il-kriterju determinanti li fuqu ssir l-ghazla ghal karigi ta' Segretarju Permanenti u Kap ta' Dipartiment.

7. Illi meta saru l-hatriet ghal karigi fi Skala 2 fl-okkazjonijiet indikati mir-rikorrent, dan ma nhassx li kien l-aktar ufficjal idoneju ghal xi wiehed mil-postijiet li kellhom jimtlew.

8. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess in-natura tat-talbiet tar-rikorrent ghar-rimedju jaqghu barra l-kompetenza ta' dan it-Tribunal u jmorru kontra d-dispositivi ta' l-Artikolu 7 (9) ta' l-Att VIII ta' l-1997. Illi t-talba tar-rikorrent biex jibqa' fis-servizz pubbliku anki wara l-eta' ta' l-irtirar u ta' 'l-anqas ghall-disa' snin ohra' mhux biss hija barra tali kompetenza izda hija manifestament illegali. Illi similment fir-rigward ta' hlas ta' kumpens li qed jippretendi r-rikorrent dan huwa rimedju alternattiv u eccezjonali meta minhabba l-ligijiet, regolamenti u d-dispozizzjonijiet ta' l-Estacode ma jkunx possibbli li dan it-Tribunal jordna rimedju kompensattiv.

9. B'riserva ta' risposti ulterjuri permessi mil-ligi.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti mill-intimat.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi din il-kawza hija komplikata ferm izda t-Tribunal se jipprova jirruduciha ghal l-element principali taghha u cioe`, jekk il-pagament ta' Lm10,250 maghmul mill-Gvern ta' Malta ghas-saldu fil-5 ta' Awissu 1998 jaffetwax il-meritu ta' din il-kawza jew inkella kienx jirreferi ghal xi haga nettament distinta u separata mit-talbiet f'din il-kawza.

Il-fatti illi taw lok ghal din il-procedura huma s-segwenti.

Ir-rikorrent kien diga Kap tad-Dipartiment (Scale 4) u fl-1 ta' Ottubru 1986 gie appuntat Segretarju tad-Djar. Permezz ta' avviz mahrug fil-gazzetta tal-Gvern fit-30 ta' Jannar 1997 ir-rikorrent gie appuntat ukoll Chairman tal-Awtorita` tad-Djar b'effett mit-23 ta' Jannar 1987. Din l-ahhar hatra kellha tkun ghal sena. Mal-bidla tal-Gvern f'Mejju 1987 ir-rikorrent baghat ittra ta' rizenja fit-12 ta' Mejju 1987 (fol 16) u ma regax gie appuntat. Di piu` l-Gvern insista illi r-rikorrent kellu jirritorna ghas-substantive grade tieghu dak ta' skala 4.

Ir-rikorrent qed jikkontesta dan u jghid li kien hemm arrangament bejnu u l-amministrazzjoni precedenti illi ma l-amalgamazzjoni taz-zewg funzjonijiet dak ta' Segretarju tad-Djar u Chairman ta' l-Awtorita` tad-Djar ir-rikorrent kellu jircievi 'on a permanent basis' salarju fi skala 2. Ghalhekk f'din il-kawza huwa qed jitlob illi dan it-Tribunal jiddikjara illi ghandu jkun konfermat fuq skala 2 mas-servizz civili b'effett mit-23 ta' Jannar 1987 u bil-konsegwenzi kollha sa fejn jaffettwaw is-seniority u l-pensjoni. Talab ukoll li ghandu jibqa' fis-servizz pubbliku ghal disa' snin ohra u jhallas kumpens ta' Lm5000 ta' dik il-parti mis-salarju illi tilef wara decizjoni tal-Gvern illi ma jergax jirrivertih ghal skala 2.

Ikkunsidra

Illi tlett xhur qabel ma pprezenta dan ir-rikors ir-rikorrent kiteb lil Gvern fil-25 ta' Lulju 1987 (fol 116) fejn huwa talab kumpens ghat-telf li huwa garrab bin-nuqqas ta' rikonoxximent tal-grad li kien qed jippretendi u cioe` dak ta' skala 2, mill-amministrazzjoni precedenti. Din it-talba giet ikkunsidrata mill-Gvern, saru diversi proposti wara li gie konsultat il-Ministeru tal-Finanzi u fl-ahhar gie accettat li l-Gvern ihallas kumpens bis-somma ta' Lm10,250. Permezz ta' ittra f'Lulju 1998 a fol 126, J.P. Portelli s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi kiteb lis-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru fejn qallu illi l-Ministru tal-Finanzi kien approva l-pagament ta'

Lm10,250 "net of tax to Mr. Joseph Zammit Secretary to the Cabinet by way of compensation in full and final settlement of his claim dated 25th July 1997" fl-istess ittra inghad "on receipt of this payment Mr. J. Zammit will withdraw all claims against the Government, present and future connected with this issue." Ir-rikorrent accetta l-pagament u b'ircevuta rilaxxata fil-5 ta' Awissu 1998 a fol 127 inghad "it is hereby confirmed that my claim dated 25th July 1997 has been settled in full and final settlement of Lm10,250." Minkejja din id-dikjarazzjoni u l-ittra tas-Sur Portelli Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi (fol 126) ir-rikorrent ma rtirax dawn il-proceduri u insista li jibqa' sejjer bihom, jikkontendi illi huwa fl-interess tieghu illi jigi konfermat fi skala 2 fil-gerarkija tac-civil peress li din taffetwalu ukoll il-pensjoni.

Ikkunsidra

L-unika difiza illi r-rikorrent ghandu biex jiggustifika n-nuqqas ta' irtirar ta' dawn il-proceduri hija li l-ittra tas-Sur Portelli ma kinitx indirizzata lilu izda lis-Segretarju Permanenti fl-ufficcju tal-Prim Ministru. Meta ddikjara illi huwa qed jircievi l-hlas "in full and final settlement" dan kien qed jirreferi ghal kundizzjonijiet illi huwa pogga fit-talba tieghu tal-25 ta' Lulju 1997 (fol 116) fejn beda bil-premessa illi huwa kien intitolat illi jkollu l-grad fi skala 2, u talab illi jithallas id-differenza fil-paga li kien hemm. Fuq dan zgur illi r-rikorrent ma jistax jaghmel talba ohra u t-tielet talba tieghu li jinghata kumpens fis-somma ta' Lm5000 hija koperta bil-pagament li ghamel l-Gvern u d-dikjarazzjoni tieghu illi qed jircievi dan "in full and final settlement."

F'kawza deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta' Gunju 1997 fl-ismijiet "Aldo Bonello noe vs Anthony Sammut noe" il-Qorti qalet "l-accettazzjoni tac-cekk mill-attur noe ghandha tigi ritenuta li kienet, skond l-offerta ghas-saldu". L-offerta maghmula lir-rikorrent tinsab a fol 122 tal-process fejn is-Sur V. Grech Direttur Generali fil-Ministru tal-Finanzi kiteb lir-rikorrent u qallu li l-Gvern kien accetta li jhallsu kumpens "in full and final settlement", ir-rikorrent accetta din il-kundizzjoni basta illi l-hlas ikun "net

of tax”. Il-Gvern accetta din l-ahhar kundizzjoni sar il-pagament li gie accettat mir-rikorrent. Quindi fuq it-tielet talba m’hemmx aktar x’jinghad u t-Tribunal jastjeni milli konjuzzjoni taghha.

Rigward it-tieni talba illi r-rikorrent jibqa’ jahdem mal-Gvern wara l-eta` ta’ l-irtirar ghal disa’ snin ukoll ma tistax tigi milqugha, peress illi din tmur barra l-kompetenza ta’ dan it-Tribunal (ara artikoli 6,7 (9), ta’ Att VIII ta’ l-1997). Ghalhekk tibqa’ l-kwistjoni dwar l-skala 2 u jekk ir-rikorrent ghandux jibbenefika min din l-skala ghal fini ta’ pensjoni.

Ikkunsidra

Li hawnhekk qeda’ il-kumplikazzjoni principali ta’ din il-kawza. It-Tribunal jirikonoxxi illi saru diskussjonijiet bejn ir-rikorrent u l-Gvern ta’ dak iz-zmien fejn kellhom jigu amalgamati z-zewg postijiet tas-Segretarju tad-Djar u ta’ Chairman ta’ l-Awtorita` tad-Djar u r-rikorrent jircievi salarju ta’ skala 2, li huwa s-salarju illi normalment jircievi c-Chairman ta’ l-Awtorita` tad-Djar. Bhala Segretarju tad-Djar ir-rikorrent kien se jircievi salarju inqas jew ekwivalenti ghal dak ta’ grad 4 illi kellu qabel. Ghalhekk flok ma sar skond kif jghid l-estacode, illi hu jzomm is-substantive salary tieghu u jiehu nofs dak ta’ Chairman ta’ l-Awtorita` tad-Djar sar ftehim illi r-rikorrent jircievi s-salarju ta’ Chairman ta’ l-Awtorita` biss u cioe` skala 2. Il-kontroversja qeda jekk din l-skala kenitx fuq bazi permanenti jew le.

Ir-rikorrent jikkontendi li l-ftehim mal-Gvern kien illi din l-skala kellha tkun wahda permanenti u jekk huwa jigi trasferit f’xi posting ohra fis-Servizz Civili huwa kellu jzomm dan il-grad bhala s-substantive grade tieghu. Il-Gvern odjern qed jikkontendi li dan mhuwiex il-kaz. Illi skala 2 kien moghti lir-rikorrent ghal durata tieghu ta’ Chairman ta’ l-Awtorita` tad-Djar u darba n-nomina tieghu ma gietx konferamata wara l-bidla tal-Gvern huwa kellu jirritorna ghas-substantive grade ta’ qabel u cioe` dak numru 4. In sostenn tat-tezi tieghu r-rikorrent ipprezenta ittri miktuba minn Dr Karmenu Mifsud Bonnici fis-6 ta’ Mejju 1993 ittra ohra mibghuta fis-26 ta’ Mejju 1993 u

ohra ta’ l-Onorevoli Leo Brincat mibghuta fis-6 ta’ Mejju 1993 li kollha jikkonfermaw illi l-intendiment kien li r-rikorrent jghaqqad fil-persuna tieghu z-zewg postings ta’ Segretarju ghad-Djar u Chairman ta’ l-Awtorita` tad-Djar u jircievi salarju fuq skala 2 fuq bazi permanenti.

Jidher pero` li dan l-arrangament ma lehaqx gie attwat qabel il-bidla fil-Gvern.

Ikkunsidra

Jibda biex jinghad li l-appointment tar-rikorrent kif publikat fil-gazzetta tal-Gvern kien ghal zmien sena. Dan ma jistax jigi kontradett mill-partijiet. Barra minn hekk, ir-rizenja tar-rikorrent fit-12 ta’ Mejju 1987 giet accettata u ma regax gie propost ghal istess hatra. Minkejja l-ittri ta’ Dr Karmenu Mifsud Bonnici u l-Onorevoli Leo Brincat, meta huma xehdu quddiem dan it-Tribunal urew certu dubju bl-imlementazzjoni tal-ftehim illi sar bejniethom. Dr Karmenu Mifsud Bonnici jghid fost affarijiet ohra (fol 95) li bhala “Prim Ministru kont taht l-impressjoni li kollox kien formalizzat.” L-onorevoli Leo Brincat a fol 101 wara li kkonferma l-ittra tieghu a fol 6 qal li kienu ddecidew li bhala persuna li tikkowordina z-zewg postijiet kellha tkun mis-Civil Service fuq skala 2 u tkun ufficcjal pubbliku fuq bazi permanenti. Jkompli jghid: “sa fejn naf jien il-process kollu kien miexi, sirt naf biss li l-affarijiet ma rrealizzawx wara t-term of office tieghi.” Ikompli jghid li wara rrealizza illi l-arrangament ma giex ifinalizzat. Dawn id-dubji li wera l-Onorevoli Brincat gew konfermati aktar tard fid-diskussjonijiet illi r-rikorrent kellu ma l-awtoritajiet ghal ghoti ta’ kumpens. Il-Ministeru tal-Finanzi baghat memo lill-Onorevoli Brincat l’allura l-Ministru tal-Finanzi, fejn fost affarijiet ohra inghad: “it transpired that all those intentions were verbally declared intentions were not supported by official documented records…” (fol 123). Dan il-memo gie approvat mill-Ministru Brincat.

Is-Sur Vincent Grech li huwa d-Direttur Generali fil-Ministeru tal-Finanzi li kien involut direttament fin-negozjati tal-kumpens moghti lir-rikorrent jghid a fol 136 “kien jidher car li l-amalgament taz-zewg funzjonijiet ta’

Housing Secretary u Chairman tal-Housing Authority li kienet il-pern tal-kwistjoni kollha illi kien qed jibni fuqha s-Sur Zammit kienet policy tal-Gvern li kienet ghadha in formulation, kienet ghadha ma gietx addottata mill-amministrazzjoni ta' dakinhar allura anqas implimentata." Fil-fatt kien ta' parir lill allura Prim Ministru li "dan ma jidhirx illi hawn kaz illi naghtu kumpens ta' xi haga li ghad ma kienx hemm entitlement ibbazat fuqha."

Madankollu l-Awtoritajiet ta' dakinhar ddecidew li jaghtu kumpens finanzjarju lir-rikorrent, din hi xi haga li tispetta lil ezekuttiv u allura t-Tribunal mhux se joqghod jidhol fil-kwistjoni jekk dan il-kumpens kienx gustifikat jew le. Pero` ghal dak li jirrigwarda l-iskala 2 kinitx xi haga permanenti jew le, t-Tribunal jasal ghal konkluzzjoni illi din kienet weghda maghmula lir-rikorrent mill-amministrazzjoni li ma lehqitx giet implimentata sakemm tbiddlet l-amministrazzjoni u l-amministrazzjoni ta' wara ma hassitx ruhha marbuta b'tali weghda. L-unika haga konkreta li fuqha jista' jorbot ir-rikorrent huwa l-appointment tieghu li harget fil-gazzetta tal-gvern, liema appointment igib l-skala 2 bhala Chairman tal-Awtorita` tad-Djar pero` ghal perjodu ta' sena. Dan il-perjodu ma lehaqx gie kompletat peress li mal-bidla tal-Gvern ir-rikorrent baghat ir-rizenja tieghu fit-12 ta' Mejju 1987. Hawnhekk spicca l-entitlement tieghu ghal grad skala 2 u mar lura ghas-substantive grade tieghu li huwa dak ta' Head u cioe` skala 4. Il-weghda li ghamlu l-amministrazzjoni precedenti baqghet biss weghda mhux implementata b'xi att ufficjali li b'xi mod setghet torbot lill-amministrazzjoni sussegwenti.

Kif jghallem id-dritt ruman "ex nudo pacto non oritur actio" u r-rikorrent ma jistax issa jippretendi illi huwa jakkwista skala oghla minn dik ta' 4 li ghandu ufficjalment fis-servizz civili.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi filwaqt li jastjeni milli jiehu konjuzzjoni tat-tielet talba stante il-pagament maghmul mill-Awtoritajiet fil-mori ta' din il-kawza jichad l-ewwel u t-tieni talbiet tar-rikorrent kif kontenuti fir-rikors tieghu. Bl-ispejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------